# LAQGĦA PLENARJA LULJU 2018

Minuti

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
lca@lca.org.mt

# Kontenunt

Laqgħa tas-Sindki ........ 2

Minuti ........ 2

**1. Introduzzjoni mill-President** ........ 4

**2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti** ........ 4

**3. Permessi, Interpretazzjoni tal-liġijiet t'infurzar, Infurzar Lokali, Amministrazzjoni – Introduzzjoni tas-suġġett mill-President, is-Sur Mario Fava** ........ 4

**4. Diskussjoni mill-Panel; Is-Sur Silvio Scerri (Transport Malta), is-Sur Michael Cohen (Transport Malta) is-Sur Raymond Zammit (LESA), L-Assistent Kummissarju Martin Sammut** ........ 4

**5. Diskussjoni u Mistoqsijiet mis-Sindki u Kunsilliera** ........ 7

**6. Konkluzjonijiet** ........ 8

**7. Preżentazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kampanja 'Don't Waste Waste' (ERA)** ........ 9

**8. Prezentazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kumpanija Paragon fuq servizzi offruti għal Proġetti Ewropej** ........ 9

**9. Preżentazzjoni mill-Kumpanija 'Faces' dwar l-introduzzjoni u l-benefiċċji li ġġib magħha sistema ta' city maps eletroniċi fil-lokalitajiet.** ........ 9

**10. Diskussjoni ma' rapprezentati tal-Malta Developers Association (MDA) dwar il-proposti mressqa minnhom lill-Gvern fuq abbuż minn ċerti Kuntratturi fil-lokalitajiet.** ........ 10

**11. Mistoqsijiet u kummenti oħra minn dawk preżenti.** ........ 11

**12. Diskors mill-Perit Carmel Caccopardo (Alternattiva Demokratika)** ........ 13

**13. Diskors mill-Kelliem ghal Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar** ........ 13

**14. Diskors mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis** ........ 13

**15. Konklużjoni mill-President tal-Assocjazzjoni, s-Sur Mario Fava** ........ 14

**16. Aġġornament** ........ 15

## Laqgħa tas-Sindki

**Data**: Is-Sibt, 7 ta' Lulju 2018

**Post**: Dolmen Hotel Bugibba

**Ħin**: 8:30am

## Minuti

1. Introduzzjoni mill-Presidnet

2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti

3. Permessi, Interpretazzjoni tal-liġijiet t'infurzar, Infurzar Lokali, Amministrazzjoni – Introduzzjoni tas-suġġett mill-President, is-Sur Mario Fava

4. Diskussjoni mill-Panel; Is-Sur Silvio Scerri (Transport Malta), is-Sur Michael Cohen (Transport Malta) is-Sur Raymond Zammit (LESA), L-Assistent Kummissarju Martin Sammut

5. Diskussjoni u Mistoqsijiet mis-Sindki u Kunsilliera

6. Konklużjonijiet

7. Preżentazzjoni mir-rapprezentanti tal-Kampanja 'Don't Waste Waste' (ERA)

8. Preżentazzjoni mir-rapprezentanti tal-Kumpanija Paragon fuq servizzi offruti ghal proġetti Ewropej

9. Preżentazzjoni mill-Kumpanija 'Faces' dwar l-introduzzjoni u l-beneficcji li ġġib magħha sistema ta' city maps eletroniċi fil-lokalitajiet.

10. Diskussjoni ma' rappreżentati tal-Malta Development Association dwar il-proposti mressqa minnhom lill-Gvern fuq abbuż minn certi Kuntratturi fil-lokalitajiet.

    Panel (Dr. Samuel Azzopardi, President Reġjun Għawdex, Sur Noel Muscat, Sindku Swieqi, Sur Konrad Borg Manche', Sindku Gzira, Sinjura Anne Fenech Sindku San Pawl il-Baħar, is-Sur Sandro Chetcuti, Presdident MDA, Is-Sur Johann Buttigieg, CEO Planning Authority)

11. Diskors mill-Perit Carmel Caccopardo (Alternattiva Demokratika)

12. Diskors mill-Kelliem ghal Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar

13. Diskors mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis

14. Konklużjoni mill-President tal-Assoċjazzjoni, s-Sur Mario Fava

## 1. Introduzzjoni mill-President

1.1 Filwaqt li l-President ta' merħba lil dawk preżenti semma li tul dawn l-aħħar xhur, l-Assoċjazzjoni għarfet tindirizza problemi u sfidi kurrenti li l-Kunsilli Lokali qed jiltaqgħu magħhom. Permezz ta' diversi laqgħat li l-Assoċjazzjoni ikollha mal-entitatjiet ikkonċernati bil-għan li wieħed filwaqt li jiffaċilita' l-proċess u jtejjeb is-servizz li l-Kunsill joffri liċ-ċittadin.

## 2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-President ikkunsidra moqrija l-minuti tal-Laqgħa tas-Sindki li nżammet nhar is-Sibt 30 t' Settembru 2017.

2.2 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur David Schembri, Sindku Kunsill Lokali Qrendi, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 3. Permessi, Interpretazzjoni tal-liġijiet t'infurzar, Infurzar Lokali, Amministrazzjoni – Introduzzjoni tas-suġġett mill-President, is-Sur Mario Fava

3.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħasset il-ħtieġa li tlaqqa' l-entitajiet ikkonċernati; Transport Malta, LESA u l-Pulizija biex flimkien mal-Kunsilli Lokali wieħed ikun jista' jiddiskuti kif jista' joħloq sinerġija f' dan il-proċess.

3.2 Semma wkoll li jkun utli għal kulħadd li tinħoloq uniformita' kif ukoll li kull entita' tkun taf x' inhuma r-responsabbilitajiet tagħha meta jinħarġu l-permessi.

3.3 L-għan ta' dawn id-diskussjonijiet huwa li jkun hemm ftehim bejn il-partijiet li jwassal għal aktar effiċjenza u effetivita' fil-proċess. Dan jkollu jwassal għall-servizz aħjar liċ-ċittadin.

## 4. Diskussjoni mill-Panel; Is-Sur Silvio Scerri (Transport Malta), is-Sur Michael Cohen (Transport Malta) is-Sur Raymond Zammit (LESA), L-Assistent Kummissarju Martin Sammut

**4.1 Is-Sur Silvio Scerri (Transport Malta)**

**4.1.1** Is-Sur Scerri beda billi semma kif waħda mill-isfidi li dan il-pajjiż kellu kien li kiber b' mod veloċi ħafna u għaldaqstant l-infrastruttura ma leħqitx mal-avvanzi li kienu qed issiru.

**4.1.2** Forsi ħafna drabi ma kienx hemm konsolidazzjoni biżejjed biex iku jista' jsir l-infurzar. Transport Malta forsi mhux dejjem fehmet l-ilmenti li jgħaddu l-Kunsilli.

**4.2.3** Semma li TM investit fi Transport Management Committee li hemm ukoll rappreżentanza tal-Kunsilli Lokali fuq dan l-istess Board, is-Sur Mario Fava bħala President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali jirrappreżenta l-Kunsilli.

**4.2.4** L-għan ta' dan il-kumitat kien li jittieħdu deċiżżjonijiet biex jissolvew problemi li jiġu ppreżentati lil Board. Is-Sur Scerri semma kif il-Board dejjem ħa deċiżjoni u kkomunika wkoll

konklużjoni fuq il-problemi li tresqu għad-diskussjoni. Dan serva biex tingħata wkoll gwida fin-nuqqas ta' preċiżjoni fil-liġi biex jiġu ndirizzati ċertu problemi.

**4.2.5** TM tagħmel ukoll infurzar fuq il-baħar fejn il-multi huma għoljin.

**4.2.6** Is-Sur Scerri ta wkoll rendikont ta' kemm bejn wieħed u ieħor TM ikollha tagħmel infurzar. Fost iċ-ċifri imsemmija kien indikat li:

- Mad-disgħin vettura fix-xahar jinġabru mit-triq fejn dawn ħafna minnhom ikollhom liċenzja tas-sewqan skaduta
- Mas-sittin vettura kuljum jiġu irmunkati peress li jkunu bi pjanċi barranin. Is-Sur Scerri semma wkoll li vetturi bi pjanċi barranin ikollhom multa akbar minn dik li tingħata lill-vetturi bi pjanċi tar-reġistrazzjoni Maltin.

**4.2.7** Filwaqt li s-Sur Scerri semma li jkun hemm koperazzjoni bejn TM u l-Kunsilli Lokali, is-Sur Scerri jaqbel ma' Chev. Paul Farrugia (Sindku Kunsill Lokali Tarxien u President Reġjun Xlokk) li hemm anomalija fil-liġi li dan qed iwassal biex l-entitajiet ikkonċernati ma jkollhomx direzzjoni ċara ta' x'inhuma r-responsabbilitajiet tagħhom.

**4.2.8** Is-Sur Scerri spjega wkoll li jingħataw multi lill-entitajiet li biex jgħaddu servizz ieħor jagħmlu ħsarat fit-toroq. Il-kuntratturi huma responsabbli minn dawn il-ħsarat.

**4.2.9** Is-Sur Scerri spjega li huwa tal-fehma li fir-rush hours ma jinatawx permessi biex jiġu magħluqa toroq, dan għaliex ma baqax toroq meqjusa bħala arterjali għax it-traffiku jgħaddi minn kull triq possibli.

**4.2 Is-Sur Michael Cohen (Transport Malta)**

**4.2.1** Is-Sur Cohen beda billi rringrazzja lill-Assoċjazzjoni tal-koperazzjoni ma' TM. Spjega li f' dan l-aħħar sentejn ppruvaw iżommu l-bilanċ, ma jirfsux fir-responsabbilitajiet ta' ħaddieħor imma li jkun hemm kontroll fuq is-sistema.

**4.2.2** Is-Sur Cohen spjega li l-għan kien li filwaqt li tinżamm d-dixxiplina tinħoloq ukoll sistema ta' uniformita' u infurzar bis-serjeta'.

**4.2.3** Semma wkoll li tul dawn l-aħħar xhur saret kommunikazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn b' serjeta' u responsabbilita' qed ikun hemm żviluppi biex tinbidel s-sitwazzjoni preżenti.

**4.2.4** Is-Sur Cohen fakkar li dawn il-problemi ser ikunu wkoll indirizzati permezz tal-emendi li ġew proposti fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

**4.3 Is-Sur Raymond Zammit (LESA)**

**4.3.1** Is-Sur Zammit semma li l-Aġenzija għada fl-ewwel tliet snin tagħha. L-Aġenzija kienet biss komposta minn għadd relattivament żgħir ta' impjegati, għaldaqstant l-infurzar ma setax issir kif wieħed kien mistenni peress li anki r-riżorsi umani ma kienux jippermettu dan.

**4.3.2** Semma li mill-1 ta' Mejju l-Gwardjani Lokali ġew trasferiti bħala uffiċjali pubbliki mal-Gvern Ċentrali.
**4.3.3** Is-Sur Zammit spjega kif l-Aġenzija tibgħat bniedem biex jinforza fejn jipprova iżomm l-ordni imma sfortunatament ma jistax jikkontrolla jekk ikun hemm irregolaritajiet bħal; tabelli imwaħla ħżina.
**4.3.4** Is-sur Zammit spjega li bħala Aġenzija qed jirrevedu l-Ftehim Kollettiv tal-Gwardjani Lokali. Fejn anki kien spjegat mill-Unjoni li l-istess Gwardjani Lokali jappartjenu li dawn qed jagħmlu l-impossibbli biex ileħqu mal-għadd ta' rapporti li jkun hemm, kif ukoll li jridu jattendu it-Tribunal u filgħodu bħala Community Officers jagħtu servizz ħdejn l-iskejjel waqt l-ħin li t-tfal ikunu deħlin l-iskola.
**4.3.5** Semma wkoll li bħala dħul għall-Aġenzija huwa kollu miċ-ċitazzjonijiet u m'hemmx allokazzjonijiet diretti mil-Gvern.
**4.3.6** Semma wkoll li fix-xhur li ġejjin ser ikun hemm reklutaġġ ta' aktar uffiċjali.

**4.4 L-Assistent Kummissarju Martin Sammut**

**4.4.1** l-Assistent kummisarju semma li dak li ġara forsi li għalkemm kien hemm tibdiliet fil-liġijiet, il-liġijiet mhux dejjem ġew aġġornati għall-ħtiġijiet tas-soċjeta'.
**4.4.2** Semma li ftit żmien ijlu kien hemm laqgħa kordjali mal-Assoċjazzjoni, LESA u TM. Semma kif dawn il-laqgħat huma ta' importanza biex jaġġornaw kemm ir-riformi kif ukoll liċ-ċittadini.
**4.4.3** Ikkumenta fuq:

- **Ħatt tal-containers.** Semma li l-liġi inbidelet biex tati awtorita' lill-Transport Malta. Il-Kummisarju tal-Puluzija jagħti kondizzjonijiet biex isir dan il-ħatt imma ma jinħarġux permessi. Jekk container ser jibqa' fuq trailer jiġi nnotifikat il-puluzija u jekk ikun ser jitniżżel mal-art il-permess joħroġ mill-Kunsill.
- **Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.** Il-permessi li joħorġu mill-Kunsilli kienu qed jiġu infurzati mill-puluzija. B'mod intern fil-korp tal-puluzija applikat ukoll il-liġi tal-GDPR. Id-Database tal-vetturi hija ta' TM, għaldaqstant il-korp tal-Puluzija għandu aċċess għal din l-informazzjoni. Minħabba l-liġi tal-GDPR u biex il-Korp ikun konformi ma' din il-liġi qamet il-kwistjoni li meta l-Puluzija qed tgħati dettalji ta' terzi tkun qed tmur kontra r-regolamaneti imposti mill-GDPR.

**4.4.4** L-Assistent Kummisarju semma li bħala Korp huma ser ikunu minn ta' quddiem biex ikunu parteċipi f' diskussjonijiet simili fejn b' kollaborazzjoni bejn il-partijiet tinħloq sinerġija f' dan il-proċess.

## 5. Diskussjoni u Mistoqsijiet mis-Sindki u Kunsilliera

**5.1 Sur Dominic Grima, Sindku Kunsill Lokali Paola**

**5.1.1** Semma li dawn il-liġijiet ma jibqgħux fuq il-karta imma għ għandu jsir infurzar biex jiġu osservati. L-infurzar fil-preżent għ għadu mhux biżejjed, l-introduzzjoni tal-Gwardjani tal- ambjent għandu jsir immedjatament u jingħata preċident.
Tenna li l-infurzar iirrid isir. Il-Kunsilli ma jistgħux jaħdmu mingħajr għodda.

**5.2 Sur Horace Gauci, Sindku Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**5.2.1** Is-Sindku semma li l-lokalita' ta' Marsaxlokk għaddeja minn problema fejn għandek ir-residenti li jgħamlu ħilithom kollha biex kemm jista' jkun iżommu konformi mar-regolamenti imposti imbgħad għandek is-sidien ta' stabbilimenti kummerċjali li għadhom ma fehmux din l-importanza. Is-Sindku semma li kif il-Kunsill jirrapporta lil Cleansing Department, l-istess Direttorat jgħidlek biex tagħmel rapport lill-Puluzija, min-naħa l-oħra l-Puluzija għaddu l-messaġġ li dak mhux fir-responsabbilita' tagħhom.

**5.3 Chev. Paul Farrugia, President Reġjun Xlokk, Sindku Kunsill Lokali Tarxien**

**5.3.1** Semma kif għandek residenti li t-toroq mhumiex wesgħin biżejjed biex fihom wieħed ikun jista' jaħdem, għalhekk it-triq ikollha tingħalaq kompletament.
**5.3.2** Chev. Farrugia, semma li l-ideali huwa li l-permessi jiġu ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern, imma fir-realta' din mhix prattika u diffiċli li ssir. Dan anki meta wieħed jikkonsidra l-frekwenza li biha toħroġ il-Gazzetta tal-Gvern, li darba fil-ġimgħa mhix biżejjed biex wieħed jippublika dawn il-permessi.
**5.3.3** Semma wkoll jekk il-Puluzija ser tiddeċiedi li mhux ser tgħin fl-infurzar bl-iskuża tal-GDPR ser ikun qed jinħloq diżastru sħiħ u fejn ħafna jibdew jikkonsidraw biex jieħdu l-liġi b'idejhom.
**5.3.4** Semma wkoll il-problema ta' bring-in sites fejn għandek nies li qed jerġgħu jitfgħu imbarazz li mhux suppost jintefa'. In-nuqqas ta' infurzar qed iwassal li l-Kunsill jispiċċa bi biskips mimlijin b'imbarazz li mhux suppst intrema hemm u l-kuntrattur li jiġbor l-iskart jirrifjuta li jbgħattala. Semma li ħafna min-nies qed jinjoraw is-sistemi għax m'hemmx infurzar biżejjed.

**5.4 Sa. Anne Marie Muscat Fenech Adami, Sindku Kunsill Lokali Naxxar**

**5.4.1** Is-Sindku semmiet li sfortunatament ħafna drabi il-Kunsilli ma jiġix ikkonsultati anki f' toroq li mil-lum għal-għada jiġu one way.
**5.4.2** L-infurzar fuq l-ambjent għandu lura.
**5.4.3** Semmiet li anki li minħabba data protection pulizija ma jistax iċempel jekk individwu jkun qed immur kontra permess maħruġ mill-Kunsill u jkun qed joħloq inkonvenjent. Wriet it-tħassib tagħha li l-Kunsilli ser jiġu customer care mingħajr poter.

**5.5 Sur Paul Gatt, President ANSEK, Segretraju Eżekuttiv Kunsill Lokali Naxxar**

**5.5.1** Is-Sur Gatt semma li kien hemm titjieb fil-komunikazzjoni bejn l-għola uffiċjali u r-rappreżentanti tal-Kunsill.
**5.5.2** Is-Sur Gatt jemmen li għad hemm nuqqas kbir ta' infurzar u l-mod li bih il-poplu qed jiġi edukat. Jemmen ukoll li anki bi titlu li

tajna lill-Gwardjani Lokali bħala Community Officers, dawn ser titbaxxilhom l-awtorita'.

**5.6 Is-Sur Micheal Fenech Adami, President Reġjun Ċentru**

**5.6.1** Is-Sur Fenech Adami staqsa lil Asisstent kummisarju ugħaliex qed jgħid li t-tabelli ta' No Parking maħruġa mill-Kunsill Lokali mhumiex legali.
**5.6.2** Semma wkoll li dan ma jagħmilx sens ma dak li qe djingħad meta wieħed jikkonsidra wkoll li l-pulizija stess titlob lill-Kunsilli biex joħorġu dawn il-permessi.

**5.7 Dr. Samuel Azzopardi, President Reġjun Għawdex u Sindku Kunsill Lokali Rabat Għawdex**

**5.7.1** Dr. Azzopardi xtaq jiklarifka li l-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali huma legali imma m'għandhomx saħħa legali biex jiġu infurzati.

**5.8 Is-Sur Mario Fava, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**5.8.1** Is-Sur Fava semma li huwa jemmen li:

- Għandu jkun hemm distinzjoni bejn Żoni Residenzjali u Żoni Industrijali fejn għandek iċ-ċittadini li jridu ordni u l-operaturi li jridu permessi biex joperaw u ma jiġix interferit l-andament kummerċjali. Għaldaqstant biex wieħed jilħaq kompromess importanti li l-obbligi jiġu imħarsa filwaqt li jkun hemm l-infurzar meħtieġ biex kulħadd ikun konformi.
- Għandu jkun hemm sinerġija bejn il-kundizzjonijiet li jingħataw kemm mill-Puluzija kif ukoll minn TM fejn tidħol anki sigurta' tar-resident. Dawn il-permessi fihom obbligi li jird ikun hemm oservazzjoni li dawn l-obbligi qed jiġu mħarsa.
- Għandu jkun hemm timeframes li għandhom jiġu infurzati legalment biex permess ikollu saħħa u wieħed ikun jista' jinforza.

**5.8.2** Is-Sur Fava jemmen li għad hemm element li li għadu nieqes mis-sens kommun bħal meta jkun hemm avvenimenti fejn ikun hemm massa ta' nies, wieħed għandu jikkonsidra li flok jinħarġu ċitazzjonijiet bl-addoċċ fejn anki l-parkeġġ ikun ristrett wieħed għandu jgħaddi kelma ta' ġid biex dak li jkun iċaqlaq l-vettura.
**5.8.3** Semma wkoll li għandu jkun hemm infurzar b' saħħtu anki fejn jidħol l-ambjent u anki fid-dawl li dalwaqt ser tidaħħal l-borża organika fuq bażi nazzjonali.

## 6. Konkluzjonijiet

6.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni issa tinsab infurmata b' dawn l-anomaliji li jeżistu fis-sistema u ser tkun qed tkompli bid-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati biex tiġi iimfassla t-triq 'l quddiem.

6.2 Is-Sur Fava semma wkoll li ser ikun qed jiltaqa' mal-Avukat Ġenerali ibiex ikomplu d-diskussjonijiet anki ifuq bażi legali bil-għan li tiġi emendata l-liġi.

## 7. Preżentazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kampanja 'Don't Waste Waste' (ERA)

7.1 Ir-rappreżentant tal-kampanja Don't Waste Waste spjega kif huwa l-għan tal-entita' li tilħaq aktar mill-qrib liċ-ċittadini li huma ċ-ċavetta tas-suċċess li wieħed jista' jikseb biex jimxi lejn immaniġġjar aħjar tal-iskart. Semma wkoll kif l-iskart iġġenerat kull sena qed jiżdied u għalhekk din l-kampanija fil-għan tagħha li teduka biex ikun hemm inqas rimi.

7.2 Il-messaġġ li twassal ukoll waqt il-preżentazzjoni kien biex il-Kunsilli jkunu aktar parteċipi għaldaqstant stiednu lil dawk il-Kunsilli li jixtieu jġġinu biex jitwassal dan il-messaġġ.

7.3 Semma kif għandu jkun hemm aktar moniteraġġ u li ser jaraw li dan ser ikun qed issir kemm fuq iċ-ċittadini ikif ukoll fuq il-kollettur tal-iskart.

## 8. Prezentazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kumpanija Paragon fuq servizzi offruti għal Proġetti Ewropej

8.1 Ir-rappreżentant tal-kumpanija spjega li l-għan ewlieni tal-kumpanija kien l-edukazzjoni li dan evolva meta Malta kien qed ikollha l-opprotunita' li tieħu sehem fi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Semma li l-kumpanija għandha kommunikazzjoni tajba ħafna ma' networks Ewropej. Bħala kumpanija tippromovi lill-Malta bħala pajjiż ideali anki biex jiġu implimentati proġetti pilota peress li l-pajjiż huwa żgħir.

8.2 Il-kumpanija tati anki kontribut lill-Kunsilli Lokali normalment f' tematiċi marbutin ma' sostennibilta'.

8.3 Semma wkoll li f' diversi inizjattivi u proġetti differenti, il-kupanija titlob għall-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali anki għal fatt li dawn huma kkunsidrati bħala l-esperti ta' dak li l-lokalita' rispettiva għandha bżonn x' inhuma l-ambizzjonijiet li wieħed ikun irrid jilħaq fil-lokalita'.

## 9. Preżentazzjoni mill-Kumpanija 'Faces' dwar l-introduzzjoni u l-benefiċċji li ġġib magħha sistema ta' city maps eletroniċi fil-lokalitajiet.

9.1 Ir-rappreżentant tal-kumpanija FACES semma li l-iskop huwa li l-informazzjoni li l-Kunsill irrid iwassal kemm liċ-ċittadini u wisq aktar lit-turisti tiġi trasemssa fuq boards elekroniċi li jkunu mqassma mal-lokal skond il-kobor u l-ħtiġijiet tal-lokal rispettiv.

9.2 Semma li l-kumpanija qiegħda f' kuntatt ma' entita' barranija li ntroduċiet is-sistema TOMI. Sistema li hija waħda SMART, interattiva kif ukoll mezz ta' komunikazzjoni instanti.

9.3 L-għan tas-sistema huwa li tiffaċilita' l-mobilita' minn lokalita' għall-oħra fejn tgħati indikazzjoni tal-faċilitajiet li hemm fil-lokal bħal latrini pubbliċi ost l-oħrajn. Kif ukoll tagħti lista ta' avvenimenti pubbliċi u siti storiċi fost l-oħrajn.

## 10. Diskussjoni ma' rapprezentati tal-Malta Developers Association (MDA) dwar il-proposti mressqa minnhom lill-Gvern fuq abbuż minn ċerti Kuntratturi fil-lokalitajiet.

**10.1 Dr. Samuel Azzopardi, President Reġjun Għawdex u Sindku Kunsill Lokali Rabat Għawdex**

**10.1.1** Semma li Għawdex għadu mhux għaddej mil-iżvilupp kbir bħalma huma għaddejin uħud mill-lokalitajiet Maltin.
**10.1.2** Irrikonoxxa l-fatt li r-riperkussjonijiet mhumiex l-istess għal kull binja li tkun tiela'.
**10.1.3** F' Għawdex semma kif żvilupp fir-Rabat jaffettwa ħafna drabi l-immaniġjar tat-traffiku u anki l-andament kummerċjali.
**10.1.4** Semma li minkejja jkun hemm l-obbligi stabbiliti wieħed għandu jaraw li dawn ikunu qe djiġu mħarsa għalhekk għandu jkun hemm infurzar li jirregola dan kollu. Semma li l-iżviluppatur ftit li xejn ikun jinteressah li ma jkunx ta' detterent ladarba dan ikun moqdi u l-proġett tiegħu jkun mixi.
**10.1.5** Semma wkoll li għandhom ukoll jitħarsu aktar r-regolamenti tas-Saħħa u Sigurta' fuq siti ta' Kostruzzjoni.
**10.1.6** Dr. Azzopardi semma li fil-fehma tiegħu wieħed qed jistenna aktar impenn min-naħa tal-MDA.

**10.2 Sur Noel Muscat, Sindku Kunsill Lokali Swieqi**

**10.2.1** Is-Sindku jappella li anki b' ritratti li ppreżenta waqt id-diskussjoni juri li l-iżviluppatur għandu jkun aktar sensittiv għaċ-ċittadin.
**10.2.2** Semma' kif l-Awtorita' taf tajjeb kemm hemm applikazzjonijiet għal-siti biex jiġu żviluppati għaldaqstant għandha tkun aktar diċenti fil-ħruġ ta' permessi u b'hekk tkun qed tħoss il-polz taċ-ċittadin.
**10.2.3** Il-Kunsill la għandu riżorsi umani u lanqas fiżiċi biex ikun jista' jikkontrolla l-influss kbir ta' siti ta' kostruzzjoni li qed ikun hemm fil-lokalitajiet.
**10.2.4** Minbarra dan kollu, il-Kunsill lanqas qed ikun infurmat . Huwa jitlob għal aktar rispett lejn ir-residenti u semma wkoll li għandu jkun hemm blacklisting ta' dawk il-kuntratturi li ma jimxux mar-regoli u l-obbligi stabbiliti.

**10.3 Sur Konrad Borg Manche', Sindku Kunsill Lokali Gzira**

**10.3.1** Semma li l-Kunsill tal-Gżira jaffaċja sitwazzjonijiet mhux faċli anki meta wieħed jikkonsidra li huwa wieħed mil-lokalitajiet milqutgħa minn dan l-iżvilupp.
**10.3.2** Il-Kunsill qed jitlob li jkun hemm sens ta' responsabbilita' u rispett lejn ir-residenti. Qed jitolbu li tal-inqas tinforma informalment lill-ġirien li inti tkun bi ħsiebek tibda twaqqa' biex dak li jkun imqar jilħaq jgħalaq it-twieqi.

**10.4 Sinjura Anne Fenech Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**10.4.1** Semmiet li wkoll il-Kunsill ta' San Pawl għaddej mill-istess problemi. Is-Sindku wriet ukoll li hemm problema li meta titlob għall-infurzar jgħidulek li m'għandhomx riżorsi biżejjed biex wieħed ikun jista' jinforza.
**10.4.2** Semmiet li jekk Transport Malta toħroġ il-permessi għandha tkun l-istess Awtorita' li tara li qed isir infurzar.
**10.4.3** Semmiet li l-Kunsill għandu jkollu wkoll dritt li jieħu garanzija bankarja fuq il-permessi li joħroġ, għaldaqstant jekk

issir xi ħsara bħal pereżempju fuq il-banikini, din il-garanzija tintuża biex tissewwa l-ħsara li tkun saret.
**10.4.4** Saħqet li għandu jkun hemm aktar komunikazzjoni bejn l-entitajiet kollha kkonċernati.

**10.5 Sur Sandro Chetcuti, President MDA**

**10.5.1** il-President Sandro Chetcuti spjega li bħala MDA iridu li jkun hemm aktar kooperazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Fil-fatt l-istess Assoċjazzjoni qed tipprova torganizza sistema ta' komunikazzjoni effettiva mal-kunsilli Lokali.
**10.5.2** Spjega wkoll li l-MDA ma tistax tidher f' dawl ikrah għax kilħadd qed jippretendi li għandha tleħħaq mal-infurzar li mhuwiex jagħmel ħaddieħor.
**10.5.3** Is-Sur Chetcuti offra li huma ser jikkollaboraw bi sħiħ flimkien mal-Awtorita' tal-Ippjanar, BRO u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali biex isibu triq 'l quddiem.
**10.5.4** MDA qed tipproponi li jkun hemm klassifikazzjoni tal-kuntratturi u jkun hemm sistema ta' punti li jitnaqqsu lil dawk il-kuntratturi li jkunu marru kontra l-obbligazzjonijiet tagħhom jitnaqqsulhom il-punti.
**10.5.5** Għaldaqstant wieħed ikollu indikazzjoni ta' min huma dawk il-kuntratturi li huma affidabbli u li jirrispettaw lis-soċjeta'.

**10.6 Sur Johann Buttigieg, CEO Planning Authority)**

**10.6.1** Is-Sur Johann Buttiġieġ kien assenti għal din il-laqgħa mingħajr pre-avviż, għaldaqstant ma kienx hemm rappreżentant min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 11. Mistoqsijiet u kummenti oħra minn dawk preżenti.

**11.1 Sur Horace Gauci, Sindku Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**11.1.1** Is-Sindku enfasizza li kollox imur lura għall-infurzar b' saħħtu, aktar dixxiplina u rispett lejn is-soċjeta' li ngħixu fiha.
**11.2.1** Semma l-problema li lokalitajiet bħal tas-Sliema qed jaffaċjaw meta qed jinbnew wisq blokok massivi ta' appartamenti li dawn qed jikkrejaw promblema kbira ta' parkeġġ. Sostna li għandhom jogħllew il-multi għall-iżviluppaturi li jibnu blokok mingħajr spazju biżejjed għall-parkeġġi.

**11.2 Sur Paul Radmilli, Kunsillier Kunsill Lokali Sliema**

**11.2.2** Is-Sur Radmilli talab li l- Ombudsman għandu jinvestiga; is-somma redikola ta' Eur2,000 għal kull parkeġġ li wieħed ikollu inqas mill-ammont ta' apartamenti li jibni. Huwa semma li dan huwa biss inċentiv biex wieħed jibni mingħajr parkeġġ.
**11.2.3** Huwa semma wkoll li fil-panel u preżenti kellu jkun hemm l-Awtoritajiet Regolatorji igħax l-MDA m' għandiex funzjoni regolatorja.

**11.3 Sur Paul Buttigieg, Sindku Kunsill Lokali Qala**

**11.3.1** Bħala Kunsilli m'hemmx riżorsi biżejjed biex wieħed jikkontrolla jew jiġġieled l-irregolarita'. **11.3.2** Meta issir applikazzjoni irridu jagħmlu social impact assessment. Applikazzjonijiet kbar bil-fors trid tagħmlilhom impact assessment. Il-Kunsill qed ikollu joħroġ ammont sostanzjali biex meta jkollu jappella minn deċiżjoni tal-Awtorita' jkollu jagħmel dan l-impact assessment.

**11.4 Sur Anthony Mifsud, President Reġjun Tramuntana**

**11.4.1** Is-Sur Mifsud semma li wasal żmien li l-Awtoritajiet iħarsu l-ewwel lejn l-interessi tal-pajjiż imbgħad tal-iżviluppaturi.
**11.4.2** L-Awtoritajiet għandhom jirregolaw ukoll l-ammont ta' suluari li qed jiġu permessi anki fir-rħula żgħar.

**11.5 Sur Fredrick Cutajar, Viċi Sindku Kunsill Lokali Santa Luċija**

**11.5.1** F' dan il-pajjiż kollox għal flus isir. Semma li hemm Kunsilli li jieħdu miljuni f' UIF Funds u hemm Kunsilli żgħar li ma jkunux eliġibli.

**11.6 Sur Robert Busuttil, rappreżentant mil- Paragon Europe**

**11.6.1** Spejga li huwa baħal osservatur newtrali li li ġej minn barra l-Kunssili Lokali xtaq jgħaddi l-kummenti tiegħu. Jemmen li l-MDA għandha tingħata rwol regolatorju fejn tikkontrola lil dawk li jappartjenu lilha.

**11.7 Sur Mario Fava, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**11.7.1** Beda billi b' dispjaċir innota li ma kienx hemm rappreżentanza mill-BRO u lanqas mill-Awtoria' tal-Ippjanar.
**11.7.2** Semma li minkejja l-Assoċjazzjoni ikkomunikat mal-BRO u għamlet stedina biex ikunu preżenti din tħallit mingħajr komunikazzjoni lura.
**11.7.3** Semma li minkejja li CEO tal-Awtorita' tal-Ippjanar kien ikkonferma fi 13 ta' Ġunju li ser jattendi, b' diżżapunt u mingħajr pre-avviż is-Sur Buttigieg ma attendiex.
**11.7.4** Is-Sur Fava jemmen li għandha titjieb l-informazzjoni li tingħata online bħal meta jekk Kunsill jgħalaq triq għandha tidher mil-ewwel f' termini reali biex sewwieqa li jaċċessaw din l-informazzjoni online ikunu jafu fl-immedjat fejn ikun hemm mgħaluq.
**11.7.5** Il-President tenna li wieħed għandu jkun prattiku fejn l-iżvilupp għandu jsir b' mod regolat u skond l-obbligi li jġibu miegħu.
**11.7.6** Jemmen ukoll li l-PA għandha dan l-irwol u jista' jgħid li dan il-bilanċ li huwa qed isemmi ma jinstabx bħal issa.
**11.7.7** Il-President jemmen li jekk mhux ser jingħaqdu l-forzi kollha li jagħmlu infurzar b' mod ħolistiku m'hux ser ikun hemm żvilupp. Għaldaqstant il-PA għandha tara li l-peremessi li hi stess qed toħroġ u tkun regolatorja.

**11.8 Viċi President MDA**

**11.8.1** Spjegat li minkejja r-rabja li ħafna qed juru li għandhom lejn l-MDA, hija temmen li l-MDA mhux magħmluha biss minn żviluppaturi jew kuntratturi imma hija tqis lilha nnifisha bħala individwu li qatt ma kellha x' taqsam mal-industrija ta' l-

iżviluppar u tokkupa l-pożizzjoni ta' Viċi President tal-MDA. Għaldaqstant l-MDA fetħet il-bibien tagħha għal kulħadd u tisma' oppinjonijiet diversi.
**11.8.2** Semmiet li l-MDA qiegħda tagħmel minn kollox biex tipproteġi l-heritage tal-pajjiż.

**11.9 Sur Ray Deguara Kunsill Lokali Fgura**

**11.9.1** Is-Sur Deguara kkummenta li għandu jkun hemm ukoll infurzar anki fuq t-tabija li jkun hemm fuq it-trakkijiet u li ħafna drabi din tħammeġ it-toroq kollha minn fejn jgħaddu.

**11.10 Sur Dominic Grima, Sindku Kunsill Lokali Paola**

**11.10.1** Is-Sindku semma li kollox imur lura għall-infurzar b'saħħtu. Jemmen li l-Kunsilli mhumiex kontra żvilupp sostenibbli imma għandu jkun hemm funzjoni regolatorja b' saħħita.

## 12. Diskors mill-Perit Carmel Caccopardo (Alternattiva Demokratika)

12.1 Il-Perit beda id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għall-istedina kif ukoll għalkemm qed tkun pro-attiva fis-suġġetti li qed jiġu diskussi.

12.2 Il-Perit semma li huwa ta' dispjaċir li l-Awtoritjiet li qed jabdikaw mir-responsabbilitajiet tagħhom. Semma kif is-Sur Checuti bħala l-President tal-MDA u l-konsulent tal-Gvern qiegħed f'kunflitt ta' interess fil-pożizzjonijiet li qed jokkupa.

12.3 Semma kif l-Awtoritajiet qed ifallu milli jinfurzaw.

## 13. Diskors mill-Kelliem ghal Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar

13.1 L-Onor. Cutajar, skuża ruħu li kellu jkun imsiefer fuq xogħol u għaldaqstant ma setax ikun preżenti.

13.2 Semma li r-riforma fil-liġi li ser issir matul is-sena 2018 għandha tagħti aktar responsabbilitajietu poteri lill-Kunsilli Lokali, kien propju dan il-ħsieb tal-Partit Nazzjonalista fejn ippreżenta ma' 80 proposta.

13.3 Jemmen li l-Kunsilli għandhom ikunu parti integrali mis-soċjeta'.

## 14. Diskors mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis

14.1 L-Onor. Silvio Parnis semma li l-Gvern qed ikun sensittiv għall-problemi li l-Kunsilli qed jaffaċjaw. Semma kif fost l-oħrajn bħal Kunsill Lokali ta' San Pawl bi qbil mad-Direttorat tal-Cleansing qed jassisti biex isir t-tindif li hemm bżonn. Semma kif bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mil-Kunsilli Lokali qed jieħu l-inizjattiva biex isiru riformi biex jgħinu lill-Kunsilli Lokali fil-ħtiġijiet ta' kuljum.

14.2 Semma li l-Aġenzija li ser tkun responsabbli mit-toroq ser tkun qed tiddiskuti mal-Kunsilli Lokali u mhux ser tkun qed taħdem għar-rasha.

14.3 Semma kif ser ikun qed jieħu ħsieb li jara li jiġu megħlba l-isfidi li qed issib il-Kunsill biex iwettaq infurzar b' saħħtu u kif meħtieġ. Għaldaqstant ser ikunu qed jiżdiedu aktar Gwardjani Lokali biex jgħinu fiż-żamma tal-ordni anki waqt il-ħinijiet tal-iskejjel.

14.4 Semma wkoll li f' dak li għandu x' jaqsam mal-immaniġjar tal-iskart wieħed serikun qed jinnota li ser jidaħħal avviż legali biex minn jikri l-propjeta' għandu jinżamm responsabbli jekk il-kerrej jixħet boroż taż-żibel barra fil-ħin barra l-iskeda.

## 15. Konklużjoni mill-President tal-Assocjazzjoni, s-Sur Mario Fava

15.1 Is-Sur Fava kkonkluda billi ta rendikont tax-xogħol li tul dawn l-aħħar sitt xhur l-Assoċjazzjoni involviet ruħha fih biex tkun aktar qrib il-Kunsilli Lokali u tgħin għall-sistemi aħjar u aktar effettivi u effiċjenti.

15.2 Il-President semma li:

- L-Assoċjazzjoni pparteċipat f' diskussjonijiet biex jiġi ffurmat MoU bejn l-Assoċjazzjoni u RSSL u CWSEF fejn iservi bħala gwida għall-Kunsilli kollha li magħhom għandhom ingaġġati ħaddiema fuq dawk l-iskemi.
- Bdew ukoll diskussjonijiet li jitrattaw il-Bereġ. Is-Sur Fava qed jaħdem biex d-devoluzzjoni tkun waħda ibbażata fuq qafas.
- Diskussjonijiet mal-POYC, fejn qed jgħinu biex ikun hemm involviment aktar tal-Kunsilli biex jitwassal tgħarif liċ-ċittadini.
- Qed issiru n-negozzjati tal-Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali mal-Kunsilli Lokali.
- Bdew ukoll id-diskussjonijiet fuq il-Ftehim kollettiv tas-Segretraji Eżekuttivi.
- Saru diskussjonijiet u anki sessjonijiet informattivi lis-Segretarji u ħaddiema oħra tal-Kunsill fuq l-GDPR. Filwaqt li ġew stabbiliti wkoll id-Data Controllers u Data Protection Officers.
- Ħadmet ukoll flimkien mad-Direttorat biex jiġi mfassal programm fl-livell ta' Masters fil-Governanza u Mmaniġjar.
- Saru wkoll diskussjonijiet dwar il-Qbid tal-Ħammiem mil-lokalitajiet.
- Komplew ukoll d-diskussjonijiet fuq is-Swieq fil-Beraħ kif ukoll fuq l-Littering Act.
- Sar ademndum tal-ftehim li kien hemm fis-seħħ fuq il-Bus Shelters. Kif ukoll dak ma' Transport Malta.
- Sar MoU ma' kumpanija privata biex toffri servizz b' xejn lill-Kunsilli Lokali billi tiġbor tessuti li m'għadx għandhom użu biex jiġu esportati.
- Bdew id-diskussjonijiet fuq it-Tribunali Lokali u jekk dawn għandhomx jibqgħu f' idejn ir-Reġjuni.
- Bdew diskussjonijiet bejn il-Puluzija, Transport Malta u LESA, li dawn anki wasslu għad-diskussjoni tal-laqgħa Plenarja.
- Sar ftehim mal-LESA biex l-Assoċjazzjoni tkun tista' tieħu ħsieb ukoll ilmenti li jaslu għandha mil-Kunsilli Loakli.
- Saru laqgħat mal-Enemalta u WSC.
- Ser ikun hemm helpdesk fi ħdan l-Assoċjazzjoni li tassisti lill-Kunsilli fi proġett tal-Unjoni Ewropeja.
- L-Assoċjazzjoni qed tieħu parti attiva meta qed jitfasslu Townn Centre Management
- Tat kontribut bi sħiħ fuq l-immaniġjar tal-iskart liema proposti li ppreżentat l-Assoċjazzjoni ġew aċċettati u itellgħu kabinett.
- Tkomplew d-diskussjonijiet fuq il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet f' ġostijiet pubbliċi.
- Tellgħet kors fuq l-Evalwazzjoni ta' tenders kemm f' Malta kif ukoll f' Għawdex

- Inizjattiva li qed tieħu l-Assoċjazzjoni fuq rilaxxar tal-bżieżaq
- Ser ikun qed jitella' Seminar fuq il-Health and Safety fuq il-post tax-xogħol u risk assessment.
- Ser jitellgħu wkoll għadd ta' attivitajiet f' għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali
- Ser ikun hemm ingaġġ ta' għadd ta' imjegati ġodda mal-Assoċjazzjoni biex l-Assoċjazzjoni tgħaraf tkun aktar viċin tal-Kunsilli.

15.3 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippreżenta rapport ta' ħidma bejn Jannar u Ġunju 2018.

## 16. Aġġornament

16.1 Il-Laqgħa aġġornat għal-ħabta ta' sagħtejn ta' wara nofs inhar u dawk preżenti ġew mistiedna għal-ikla ta' wara nofs inhar.

Mario Fava
President

Lianne Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv